MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 17/2007

Omc

vs

JM

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-għaxra (10) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000);

2. Illi l-kontendenti ma kellhomx ulied minn dan iż-żwieġ tagħhom;

3. Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ġiet reża impossibbli minħabba ġlied, theddid, moħqrija, vjolenza fiżika u morali u ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment;

4. Illi r-rikorenti tixtieq illi l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom tiġi likwidata u li jiġu restitwiti lilha l-beni parafernali tagħha;

5. Illi lkontendenti ġew debitament awtoriżżati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz tad-digriet appożitu ta' dina l-Onorabbli Qorti b'degriet tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjuara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat għar-raġunjiet hawn fuq imsemmija;

2. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita' reċiproċi;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lir-rikorrenti;

4. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi din il-kawża kellha tiġi intavolata fil-Qrati Superjuri Malta stante ili għalkemm il-kontendenti huma Għawdxin, huma t-tnejn jaħdmu u għandhom ir-residenza tagħhom Malta;

2. Filwaqt illi l-esponenti ma jopponix għall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejnu u bejn l-intimata, isostni li din għandha tiġi ppronunzjata għaliex iż-żwieg tkisser irrimedjabilment mhux minħabba tortijiet imputati lilu fir-rikors ġuramentat, iżda għat-tortijiet ta' l-intimata li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, eċċessi, inġurji, sevizzi u theddid, u għamlet il-ħajja taż-żwieġ impossibbli minħabba l-aġir irresponsabbli w insopportabbli tagħha.

3. ma jopponix għat-tieni talba.

4. Fil-waqt illi l-esponenti jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tiġi xolta, likwidata u diviża u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-partijiet, għandh, pero' tiġi maqsuma f'żewġ isħma mhux neċessarjament indaqs, u dak is-sehem superjuri għandu jiġi assenjat lil esponent.

5. Ir-raba' talba hi opposta billi kienet l-imġieba ta' l-intimata u mhux ta' l-esponent li wassal għat-fifrik ta' dan Iż-żwieġ bejniethom; għaldaqstant l-effetti, in kwantu huma applikabbli, tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'Malta għandhom jiġu applikati favur l-esponent.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta illi ;

1. Il-kontendenti żżewġu fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000), u li minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

2. Il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ġiet reża impossibbli u b'hekk tkissret irrimedjabilment minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, eċċessi, inġurji gravi, sevizzi u theddid u għamlet il-ħajja taż-żwieġ impossibbli.

Talab lill-attriċi tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti bi ħtija ta' l-intimata minħabba adulterju, vjolenza, eċċewssi, sevizzi, inġurji gravi u theddid, u għax iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba raġunijiet unikament imputabbli għaliha;

2. Tapplika kontra l-intimata d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 48 sa 51 tal-Kodiċi Ċivili billi tgħid li l-attriċi tilfet id-drittijiet imsemmija fl-istess artikolu 48;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti f'żewġ isħma mhux neċessarjament indaqs, u tassenja sehem, dak superjuri, lill-esponenti, u dak inferjuri lill-intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa mħarrka sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat r-risposta tal-attriċi għal kontro talba tal-konvenut fejn eċċepiet illi :

1. Illi l-esponenti ma ssib l-ebda oġġezzjoni illi tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali tagħha minn ma' żewġha pero' dan ġara minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut Jason Masini li rrenda ruħu ħati ta' abbandun, indifferenza, vjolenza morali u ġlied;

2. Illi għalhekk l-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodiċi Civili għandhom jiġu applikati kontra l-konvenut Jason Masini;

3. illi l-esponenti ma ssib l-ebda oġġezzjoni illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti tiġi xolta iżda dan għandu isir f'isħma ugwali

bejn il-partijiet u wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenent6i lill-esponenti;

4. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha tad-29 ta' Jannar 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar il-'*privilegium fori'.*

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-istess eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari tiegħu, il-konvenut qed jinvoka l-'***privilegium fori***' u cioe' d-dritt jew aħjar benefiċċju li jiġi mħarrek f'Qorti partikolari. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni tiegħu jagħmel referenza għall-artikoli 50 u 767 tal-Kap. 12. L-artikolu 50 jagħti lill-Qorti tal-Maġistrati ta' din il-gżira l-kompetenza li tieħu konjizzjoni ta' kawżi kontra persuni residenti hawnhekk. L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta' Malta li jiġu mħarrka f'dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f'Għawdex rigward il-Qorti ta' din il-gżira.

Fil-każ in eżami l-konvenut qed isostni illi huwa residenti fil-gżira ta' Malta u għalhekk messu ġie mħarrek hemmhekk. Imma sakemm din il-kawża marret għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni, l-konvenut kien għadu ma ressaq ebda provi f'dan ir-rigward. Flimkien man-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu l-konvenut ippreżenta affidavit tiegħu u xi dokumenti. Imma dawn ma kienu ġew bl-ebda mod awtorizzżati u għalhekk ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni bħala prova ta' dak li qed isostni f'dan ir-rigward.

Minn dak li rriżulta s'issa mill-atti tal-kawża u li l-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tagħhom, l-unika ndikazzjoni li l-konvenut kellu xi konnessjoni mal-gżira ta' Malta huwa l-fatt illi l-

indirizz mogħti għan-notifika tiegħu tar-Rikors ġuramentat huwa dak li jidher li hu l-post tax-xogħol tiegħu f'dik il-gżira. Dan pero' jidher li sar għall-konvenjenza tan-notifika u ċertament mhux għax il-konvenut jirrisjedi fl-MCAST tar-Raħal il-Gdid.

A tenur ta' l-artikolu 772 tal-Kap. 12, meta l-konvenut jissottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' gżira differenti minn dik li hu jkun jirrisjedi fiha, għandu jitqies li jkun irrinunjza għall-privileġġ tal-forum. Dan huwa appuntu dak li għamel il-konvenut. Fil-każ tagħna l-konvenut ma eċċepiex din l-eċċezzjoni u waqaf hemm. Imma nqeda bl-istess kawża biex jagħmel it-talbiet rikonvenzjonali tiegħu fil-konfront ta' l-attriċi, b'tali mod li ġie li ssottometta ruħu minn jeddu għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Għalhekk anke jekk tassew il-konvenut jirrisjedi fil-gżira ta' Malta, huwa ġie li rrinunzja inekwivokament għall-*privilegium fori* b'din il-kontro-talba tiegħu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tiċħad l-istess eċċezzjoni, tiddikjara ruħha kompetenti li tibqa' tieħu konjizzjoni tal-kawża u tħalliha għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------